# Tumas it-Tewmi
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Lulju 2026

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Jien nadurak bil-qima, Alla, li tinsab,
Moħbi hawn quddiemi taħt dawn ix-xbihat.
Lilek qalbi kollha hawn f'riġlejk nagħtik;
Meta naħseb fuqek ħsiebi nitlef fik.

*Missierna, Sliema, Glorja*

L-għajn l-idejn, it-togħma lilek ma jħossux:
Iżda biss b'li smajna għala ma nemmnux?
Nemmen li qalilna l-Iben tal-Mulej;
Xejn mhu iżjed minnu mill-kliem tal-Feddej.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Man-natura t'Alla, li fuq salib ħbejt,
Hawn suriet il-bniedem taħt il-ħobż għattejt.
Bniedem Alla, nemmnek, nistqarr bla tlaqliq;
Nitlob, żgur li naqla' niedem bħall-ħalliel.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Bħal Tumas il-ġrieħi jiena ma nilmaħx;
Iżda, Mulej u Alla, nagħrfek ma nibżax;
Dejjem iżjed saħħaħ dan twemmini fik,
Kattar fija t-tama, tgħix imħabbti bik.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Ġesù hekk twajjeb, Pellikan qaddis,
Saffi inti 'l qalbi b'demmek il-għażiż,
Li b'qatra biss minnu, o Ġesù maħbub,
Tista' d-dinja kollha tnaddaf minn kull dnub.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Ġesù li nilmħek f'dal-misteru kbir,
Dan li qed nitolbok, kemm nixtiequ jsir:
Li kif nara lilek bid-dawl tat-twemmin,
Niġi ħdejk fil-glorja, o Ġesù ħanin. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk kif fit-3 ta' Lulju l-Knisja tiċċelebra l-festa tal-Appostlu Tumas, imlaqqam it-Tewmi, aħna wkoll flimkien miegħu npoġġu f'riġlejn il-Mulej moħbi taħt ftit dqiq u muri lilna b'tant għożża u rispett qaddis u, minn dan il-ħin ta' qima u talb,

nagħmlu stqarrija waħda u kontinwa ta' fidi imma wkoll ta' tifħir: "Mulej tiegħi u Alla tiegħu." Bħal Tumas quddiem il-vojt imħaffer tal-pjagi, aħna wkoll quddiem "dak li s-sensi le jaraw," miegħu nistqarru dak li nafu li xejn mhu iżjed minnu: li Ġesù, is-Sid u Alla tagħna, jinsab tassew preżenti u ħaj Irxoxt fostna; li hu biss mill-mewt ta' Ġesù li ħarġet il-ħajja tassew, l-istess kif huwa permezz tal-qamħa li tmut u tintaħan, titħallat mal-ilma, tintgħaġen, u tinħema, li l-Mulej jagħżel li jibqa' preżenti ħaj fostna biex nadurawh u bih nittrejqu; fuq kollox, li dan il-Mulej reġa' ġie għalina llum ifittixna u jistenniena, kif għamel ma' Tumas biex seta' jarah u jistqarru b'fidi li kienet ferm ikbar u iktar diretta minn dik ta' sħabu.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (20, 24-29)
F'dak iż-żmien, wara l-qawmien ta' Ġesù, Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej." Iżda hu qalilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqigħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx." Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Imbagħad qal lil Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen." Wieġeb Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!" Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Tifħir lilek, Kristu.

Mulej Ġesù, nistħajjel li l-dixxipli l-oħra għaddew ġimgħa jippruvaw jikkonvinċu lil Tumas li int ħaj. Imma lil Tumas lanqas tagħtih tort għax, minkejja li ltaqgħu miegħek, xorta baqgħu maqfulin fejn kienu qabel. Madankollu, kien biss f'dik il-komunità fraġli u permezz tagħha li fl-aħħar mill-aħħar Tumas seta' jsibek.
Mulej, ilkoll nafu xi tfisser tkun Tumas, meta nisfaw niġġerrew barra minna nfusna bħal ma nsibu paċi mkien. Ilkoll nafu x'inhuma d-dubji u l-mistoqsijiet li jifnuna, u fl-istess ħin in-nuqqas ta' kuntentizza b'aspetti tal-komunità li minnha niffurmaw parti. Għalhekk, Mulej, fakkarna li, qabel l-argumenti mibnija tajjeb, dak li jista' jikkonvinċi lill-bniedem huwa proprju n-nuqqas ta' biża' li mmissu l-pjagi fil-qlub; li ma niddarrsux noqogħdu mal-uġiegħ tagħna u ta' ħaddieħor; li fil-proċess ta' konverżjoni u fejqan tal-pjagi personali tagħna nħallu tirrifletti l-imħabba tiegħek ħaj li tiġi tiltaqa' magħna bil-pjagi, sinjali ħajja tal-imħabba u r-rebħa tiegħek fuq il-mewt.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Ma' ħuna Tumas quddiem il-pjagi tal-ġisem ta' Kristu u dak kollu li jinfed il-qalb imqaddsa tiegħu, ejjew nistqarru flimkien: ***Mulej tiegħi u Alla tiegħi.***

- Quddiem il-pjagi tal-firda fil-ġisem mistiku tiegħek, li huwa l-Knisja, b'tama, bħal Tumas intennu … ***R/.***
- Quddiem il-ġrieħi tad-dnub li jtebbgħu l-Għarusa tiegħek il-Knisja, bi ndiema, bħal Tumas intennu … ***R/.***
- Quddiem il-feriti li jifnu u jmarrdu lil ħutna l-bnedmin u jkasbru d-dinjità tagħhom, bi mħabba, bħal Tumas intennu … ***R/.***
- Quddiem il-flaġelli tal-gwerra, il-ġuħ, u d-diżgrazzji li jġarrbu lil bosta popli, bil-ħrara tal-fidi, bħal Tumas intennu … ***R/.***
- Quddiem il-feriti tal-ġisem u r-ruħ tagħna, b'umiltà ferma, bħal Tumas intennu … ***R/.***

## Innu Ewkaristiku

"Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi." Donnhom sempliċi isem u laqam li jgħinu biex jidentifikaw dan il-personaġġ li jissemma' fir-rakkont tal-Evanġelju u li l-Knisja tiċċelebra (illum). Imma xejn fil-Kelma ta' Alla mhu mingħajr tifsira iktar profonda. Kemm l-isem, kif ukoll il-laqam—bil-Grieg Δίδυμος (Didumos)—it-tnejn ifissru l-istess: it-tnejn ifissru t-tewmi.

Min hu t-tewmi? It-tewmi huwa dak li sa mill-ġuf qatt ma kien waħdu. It-tewmin, l-aktar dawk identiċi, mhumiex kapaċi jgħaddu mingħajr xulxin. Imur fejn imur u jagħmel x'jagħmel, it-tewmi għandu dejjem ħuh jew oħtu. U, tul ir-rakkont tal-Evanġelju skont San Ġwann, nistgħu nistħajlu li Tumas jgħix ir-relazzjoni tiegħu ta' dixxiplu ma' Ġesù f'din id-dinamika. Meta jmut Lazzru u Ġesù jiddeċiedi li, xorta waħda jmur minkejja l-periklu, lil sħabu Tumas jgħidilhom: "Immorru aħna wkoll ħa mmutu miegħu" (Ġw 11, 16). Kien lest li jmut ma' Ġesù imma ma kienx lest jibqa' waħdu. U, fl-aħħar ikla, meta Ġesù jgħidilhom li kien sejjer lura għand il-Missier, Tumas ma riedx jibqa' mingħajr dak li sar in-nofs l-ieħor tal-ħajja tiegħu hekk li jgħidlu: "Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?" (Ġw 14, 5).

Imma issa, wara l-passjoni, dan it-tewmi jisfa waħdu u jiżola ruħu. Ħajtu spiċċat, hekk li ma jibqax moħbi beżgħan mil-Lhud. Setgħu joqtluh jekk riedu. Wara kollox, fil-ħin tal-prova falla u ħarab minn dak li tant sar għażiż għalih. U dak li jitlob Tumas mid-dixxipli, meta jsibhom ċassi fejn ħalliehom, mhuwiex frott ix-xettiċiżmu—ma jeskludix il-possibbiltà tal-qawmien mill-imwiet, u bħala Lhudi kien jemmen fil-qawmien tal-aħħar mill-imwiet. Tumas jesiġi li jara l-pjagi biex jemmen konsegwenza ta' fidi ikbar, frott xi ħaġa li dan id-dixxiplu, b'mod konxju jew le, kien diġà fehem: li biex ikun ċert li dak li kien qiegħed jara kien Ġesù, ried jara u jmiss il-pjagi. L-oħrajn iddeskrivewlu l-glorja, imma hu ried jara l-pjagi!

Mulej Ġesù, aħna wkoll bħal Tumas, permezz tad-dinjità mogħtija lilna fil-Magħmudija, qisna sirna tewmin tiegħek, ħutek fl-umanità u wlied adottivi tal-

Missier miegħek. Li nkunu tassew Insara jfisser li ma nħallu xejn jifridna minnek. U din hija l-missjoni Nisranija fl-essenza tagħha: li nsiru dejjem iktar nixbhu lilek, hekk li suppost, meta d-dinja tħares lejn in-Nisrani, hija tilmaħ b'ċarezza lilek. Fil-frattemp, hemm it-tmint ijiem—is-sebat ijiem mill-bidu ta' ħolqien ġdid permezz tal-qawmien tiegħek, u mill-ġdid l-ewwel jum li fih sa mill-bidu l-komunità Nisranija kienet tiltaqa' flimkien biex tiċċelebraw l-mewt u l-qawmien tiegħek fl-Ewkaristija. Huwa anke r-ritmu li jimmarka l-ħajja tagħna, mhux l-aktar soċjalment daqskemm spiritwalment. U bejn Ħadd u ieħor aħna ningħataw iċ-ċans biex dejjem insiru dawn ħutek it-tewmin li fl-Ewkaristija jingħaqdu ħaġa waħda miegħek sabiex, fi tmiem il-quddiesa, niġu mibgħuta nwasslu dil-preżenza.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

B'fidi sħiħa f'Ġesù li nistqarruh bħala s-Sid u l-Alla ta' ħajjitna, bl-interċessjoni tal-Appostlu Tumas, u mqanqlin mix-xhieda tiegħu, ejjew irressqu t-talbiet tagħna.

- Qaddes, Mulej il-Knisja tiegħek, li inti bnejtha fuq l-istqarrija ta' fidi tal-Appostli li inti l-mibgħut tal-Missier, veru Alla u veru bniedem. Nitolbu.
- Permezz tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba wassal l-aħbar tal-paċi tiegħek lid-dinja kollha—sliem li jfur mill-ġenb minfud tiegħek. Nitolbu.
- Qawwi lil dawk li l-fidi tagħhom hi dgħajfa jew hija kontinwament imġarrba, u miss bid-dija tal-pjagi tiegħek lil dawk li għadhom ma waslux għall-fidi fik jew saħansitra qegħdin jiċħduha radikalment. Nitolbu.
- Keċċi kull dubju mill-qalb ta' dawk li, bħal Tumas u sħabu, qiegħed issejħilhom biex iħallu kollox u jiġu warajk biex tibgħathom bħala qaddejja tal-aħwa. Nitolbu.
- Seddaq il-ħajja u l-ħidma ta' tant saċerdoti li f'dal-ġranet qed jiċċelebraw l-anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tagħhom, u, tassew, seddaq lis-saċerdoti kollha. Nitolbu.
- Ħaddan miegħek għal dejjem lil dawk li fuq l-art stqarrewk bħala Mulej u Alla tagħhom, u saffi lil dawk li din il-fidi mhux dejjem kienet soda biżżejjed sabiex huma wkoll ma jiċċaħħdux mil-laqgħa miegħek. Nitolbu.

Fil-pjagi mqaddsa tiegħek aħbina, o Ġesù ħanin, u, għas-sħana tal-qalb tbaqbaq tiegħek, agħmel li nissaffew minn kulma jfixkilna milli nsiru nixbhuk tassew, sabiex, bħala ħutek u dixxipli tiegħek, inwasslu bil-ħajja tagħna ma' kullimkien l-istqarrija tal-fidi fik, Mulej tagħna u Alla tagħna, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**